Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u tletin (34) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar is-7 t'April 2021 fis-6.00pm f'34 Triq Inguanez, ir-Rabat u wkoll fuq skype.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Aktar tard daħlu | |
| Is-Sinjura Doris Coleiro (6.30pm) | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo (6.40) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

34.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Talba

Il-membri qalu t-talba u apoloġiji ma kienx hemm.

34.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tlieta u tletin (33)** minuti

Il-Minuti tas-seduta numru tlieta u tletin kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekonda is-Sur Matthew Chetcuti. Dawn kienu approvati unanimament

**Punti mill-Minuti**

34.02.01 Dwar il-punt 33.04.01, fir-rigward tal-ftehim li sar man-Notebook Centre biex ir-Rabtin igawdu minn din l-offerta ta' formatting u antivirus b'xejn, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-ewwel kien oġġezzjoni u ftit jiem wara irtiraw dan kollu għaliex qalu illi dan kien se jkun *'għal benefiċċju komunitarju'*. Notebook Centre

34.02.02 Dwar punt 33.04.08 biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikun qed jamministra r-Radju tal-Komunità Mics FM,.is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi wara parir li ħadna, dan legalment ma jistax isir u għaldaqstant se nagħmlu dan b'mod differenti. Se jkun hemm imsieħba magħna l-NGOs u l-każini tal-baned biex titwaqqaf fondazzjoni ad hoc. Radju tal-Komunità

F'dan il-punt daħlet is-Sinjura Doris Coleiro

34.02.03 Dwar il-punt 33.04.11, jiġifieri tal-Proġett ta' Triq Santa Rita, is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal illi hawn se jkun hemm it-twaqqigħ ta' taraġ li jgħaqqad Triq Santa Rita ma' Triq ir-Rebħa, u kien hemm tibdil dwar il-kostruzzjoni tal-ġibjun għall-irrigazzjoni. Hu qal illi fil-fatt se jitpoġġew tankijiet kbar biex nevitaw ħsarat fil-ġibjun minħabba l-għeruq tas-siġar li potenzjalment jistgħu jaqsmu l- Proġett ta' embellishment ta' Triq Santa Rita

ġibjun. Is-Sur Sandro Craus qal illi diġa' twaħħal meter tal-elettriku fuq San Katald għall-irrigazzjoni awtomatika twaħħlu t-trellis li magħhom se tkun qed tixxeblek il-bougonville. Is-Sur Craus żied jgħid illi se jitwaħħlu l-fanali fi Triq Santa Rita biex il-proġett ikun wieħed ħolistiku.

34.02.04 Dwar l-offerta pubblika tar-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord ta' Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li din l-offerta pubblika tingħata lill-Agius Stone Works. Din il-proposta kienet imressqa għall-vot mis-Sur Kris Grech u ssekondata mis-Sra Doris Coleiro u għaddiet unanimament. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma' għandu l-ebda' problema u se mmexxu biex l-offerta tkun 'awarded' ħalli jibda' x-xogħol iminentement peress li hemm fondi tal-Unjoni Ewropeja li ttappjajnihom mill-Majjistral Action Group.

Restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju

Fis-6.40pm, f'dan il-punt daħal is-Sur Ian Vassallo

34.02.05 Is-Sur Rudolph Grima tkellem dwar Ġnien Bir Iljun illi issa se jinstema' l-appell mill-ġdid. Hu qal illi fil-ġonna irid ikun hemm spezzjonijiet mill-ħaddiema tal-Kunsill għaliex issa m'għadx għandna problema ta' Staff. Hu qal illi dan il-ġnien matul dawn l-aħħar għoxrin sena swiena ħafna flus f'manutenzjoni li setgħu ġew evitati b'aktar attenzjoni. Is-Sur Sandro Craus qabel miegħu u qal illi jrid ikun hemm rapport ta' darba fil-ġimgħa dwar mill-Contracts Manager li għandu jdur ukoll l-iskips. Is-Sur Craus żied jgħid illi fejn hemm moniteraġġ bħalma fil-fatt hemm fil-latrina ta' Triq il-Kulleġġ, mhux qed inbatu wisq mill-vandaliżmu. Is-Sur Chris Farrugia qal illi fi Ġnien Għar Barka jidher li hemm xi siġar mingħajr stakes u minħabba dan qed jitkabru bir-riħ.

Ġnien Bir Iljun

34.02.06 Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-problema li kienet imsemmija fl-aħħar laqgħa dwar il-fanali taz-zuntier. Hu qal illi reġgħu telgħu tal-Bim u wettqu manutenzjoni fuq l-istess fanali. Is-Sindku qal illi kein hemm laqgħa mal-Arċipriet, il-Kan Mons Louis Suban biex l-istess arbli tad-dawl jiddawwru bl-irħam fuq il-printa tagħhom.

Arbli tad-dawl taz-zuntier

34.02.07 Dwar in-nuqqas ta' għarfien mil-kunsillieri għall-konferenza stampa li saret minn Komunità Malta quddiem in-niċċa ta' San Pawl fuq is-Saqqajja, is-Sindku stieden lill-kunsillieri biex għada stess jattendu għal konferenza stampa oħra li se jagħmel il-Ministru tat-Trasport u Proġetti Kapitali fi Triq San Piju V fejn qed isiru numru ta' toroq bit-tarmac minn dan l-istess ministerju.
F'dan il-punt ħarġu is-Sur Chris Farrugia u s-Sur Rudolph Grima (6.50)

Konferenza Stampa

34.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 321 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 40**
Kienu approvati ċ-ċedola tal-pagamenti numru 321 u dik tal-Works/Purchase Order 40 unanimament.

Ċedola tal-Pagamenti u Works/Purchase Order

34.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
Ma kienx hemm

Mistoqsijiet

34.05 **Rapport tas-*Selection Board* għas-sejħiet interni ta' *Assistant Principal Officer* u *Executive Officer***
Il-Kunsill laqa' t-talba tas-selection board fejn issa ġew approvati is-Sra Fabienne Vassallo bħala Assistant Principal Officer u is-Sra Shirley Bonanno bħala Executive Officer.

Ħatriet ġodda

| | | |
|---|---|---|
| 34.06 | **Nomini Kunsilli Skolastiċi**<br>Għal proposta illi ntellgħu l-istedina fuq facebook biex jinħatru il-President tal-Kunsill Skolastiku fir-Rabat u wkoll fil-Baħrija, intqal illi din hija xi ħaġa li titlob impenn u jinħtieġ illi tkun deċiża mill-KLR direttament. Għal President tal-Kunsill Skolastiku tar-Rabat, is-Sinjura Doris Coleiri innominat lill-eks Headmistress is-Sra Micallef li toqgħod fi Triq il-Kulleġġ. Din se tiġi avviċinata biex naraw jekk taċċettax l-istedina. | President Kunsill Skolastiku |
| 34.07 | **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tar-*Refurbishment* tal-Uffiċini (Triq l-Isptar)**<br>Dan ir-Rapport għadu ma ġiex f'idejna għaliex kellu jerġa' jiltaqa' l-bord b'urġenza propju llum qabel din il-laqgħa | Offerta Pubblika tal-Uffiċċju fi Triq l-Isptar |
| 34.08 | **Talba għal *direct order* lid-Dipartiment Gvern Lokali għal gandott fi Triq in-Nigret**<br>Il-Kunsill approva t-talba li se ssir lid-Direttur Gvern Lokali biex issir trinka fi Triq in-Nigret urġenti għaliex qed jegħrqu r-residenti. Din hija xi ħaġa li ma nistgħux nibqgħu ninjoraw għaliex in-nies se jfittxu lill-Kunsill legalment. | Direct Order |
| 34.09 | **Proposta ta' *CCTV policy* mill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data**<br>Il-policy li kienet mgħoddija lill-kunsillieri mal-agenda kienet approvata u issa se jkun hemm kollox formali peress li dawn is-cctv cameras qed jiżdiedu fil-lokalità tagħna. Din il-policy titkellem anke jekk xi ħadd ikun irid jara xi filmat għal skopijiet oħra per eżempju mill-pulizija minħabba xi rapport. | Policy tas-CCTV |
| 34.10 | **Ftehim propost bejn l-Agostinjani u l-Kunsill Lokali tar-Rabat dwar fond numru 7, Triq l-Isptar**<br>Il-ftehim li kien għand il-kunsillieri mal-Agenda kien approvat b'vot unanimu u l-Kunsill se jidħol f'kirja mal-Patrijiet Agostinjani biex persuna li hija homeless tgħix komda f'żewġt ikmamar f'7, Triq l-Isptar, ir-Rabat. | Kirja tal-fond 7, Triq l-Isptar |
| 34.11 | **Applikazzjoni għall-proġetti fil-komunità mil-LESA**<br>Dwar l-applikazzjoni tal-Lesa, kien hemm diversi idejat fosthom dik ta' Roof Garden fi Triq Santa Rita, Pannelli fuq bini tal-Kunsill, Green Walls mal-latrina ta' Triq Santa Rita u ta' Ġnien Bir Iljun u wkoll ir-restawr tal-ħitan tal-passaġġ taz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl. Kien deċiż illi s-Segretarju Eżekuttiv jaħdem fuq il-proposta tal-aħħar. | Fondi tal-LESA |
| 34.12 | **Rapport finanzjarju *(cash basis*) ta' Marzu 2021 magħmul mis-Sur Marco Scerri**<br>Is-Sur Marco Scerri ppreżenta r-Rapport finanzjarju ta' Marzu 2021. Hu qal illi kien hemm surplus ta' Eur15,500 li ġej mid-dħul ta' Eur106,000 wara li nqatgħu l-ispejjeż ta' Eur 91,000 li kienu jikkonsistu f'Eur18,000 fi spejjeż amministrattivi (salarji) u Eur 53,000 fi spejjeż kuntrattwali u oħrajn varji ta' Eur 19,500. | |
| 34.13 | **Punti Oħra** | |
| 34.13.01 | Is-Sinjura Doris Coleiro talbet biex tingħalaq toqba li ħallew warajhom il-ħaddiema tal-Gvern fuq ix-xogħol tad-drenaġġ li qed isir f'Wied il-Bużbież għaliex hija perikoluża ħafna. Is-Sur Chris Farrugia qal illi din it-triq kellha tippaċċja ruħa minħabba li kienet qed tintuża b'mod aktar frekwenti għaliex kien hemm diversions minnha. | Patching f'Wied il-Bużbież |
| 34.13.02 | Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq in-nuqqas ta' ġbir ta' skart mill-kollettur f'Wied Ħażrun u Ta' Baldu. Hu qal illi xbajna nibgħatu messaġġi u nċemplu lis-Sur | Problemi bil-Ġbir ta' Skart |

Wilson Mifsud dwar dan. Infatti kien deċiż illi tinġieb stima mingħand kuntrattur ieħor biex insibu tarf din il-problema tal-ġbir tal-iskart fl-outskirts filwaqt li se joħorġu default notices. Dwar l-istima se jieħdu ħsieb jiltaqgħu is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Kris Grech li qal illi f'Misraħ Suffara hemm ukoll problema għax hemm 4 skips żgħar li impossibbli li bihom jinqdew 17 il-familja. Problema simili teżisti wkoll f'Binġemma wara li kienet tneħħiet ukoll l-iskip il-kbira.

34.13.03 Dwar is-cctv s proposti mir-Reġjun Tramuntana, il-Kunsill se jagħżel illi jitwaħħlu tnejn kompluti bl-istallazzjoni b'kollox u mhux l-option l-oħra ta' tlieta mingħajr l-istallazzjoni. CCTV s mir-Reġjun Tramuntana

34.13.04 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' illi issa wasal iż-żmien illi terġa' tinfetaħ tal-inqas fi tmiem il-ġimgħa, il-latrina tal-Baħrija. Hu qal illi din ilha magħluqa sena minħabba l-imxija tal-Covid 19 u qed igergru n-nies illi kif ġie installat l-elettriku fiha, xorta m'hix tinfetaħ. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus se jkun qed isib lil xi ħadd biex jiftaħa tal-inqas is-Sibt u l-Ħadd. Latrina tal-Baħrija.

34.13.05 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' l-applikazzjoni lokali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, bir-referenza SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat japplika għal Ġnien ta' Bir Iljun.

34.14 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament
Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-28 t'April 2021 fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-20.15pm

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum 28 t'April 2021 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku